# FOQRA U GĦONJA

Waqfet karrozza u niżlu tnejn minnies libsin mill-aħjar: hu b'qalziet u ġlekk suwed u sidrija mlellxa, mgħammra b'sensiela w arloġġ tad-deheb; erba' ħwietem jiddu f'subgħajh u jilmaw bil-fosos tad-djamanti; b'żewġ ingwanti, subgħajhom imxerrfa mill-but tal-ġlekk. Għalkemm iżda kien liebes ta' għani, mill qagħda u l-mixja tiegħu kont taqtgħu xi wieħed raħli Hi, kont trid seba' għajnejn biex tħares lejha; tistħajjilha mart xi milord; miksija bil-ħarir minn fuq s'isfel. Niżlu quddiem il-palazz tal-Gwarena jħarsu lejh minn barra; kienu ġejjin minn Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

Resqet lejhom mistħija, mistħija, xbejba ta' xi sittax-il-sena, wiċċha ma qalgħetux minn fuq is-sinjura, bil-qajla l-qajla indehset magħha u staqsietha jekk iridux jidħlu jaraw il-Gwarena—l-imfietaħ qegħdin id-dar tagħna, għand ommi, —żiedet qaltilha t-tfajla.

—Le—wieġbet b'wiċċ imqit is-sinjura; tawh daqqa t'għajn minn barra u baqgħu telgħin bil-pass tan-nemla sa bieb ix Xagħra l-ewwel misraħ li naqbdu; imxew ftit ieħor, sabu ma' wiċċhom ħarġa fi trejqa li kienet tieħu lejn il-parroċċa tal-Qrendi; ilwew max-xellug u f kemm ili ngħidlek waslu quddiem il-knisja.

X'qedem ta' bini—qalet hi b'wiċċ imqarras; ħarset lejn żewġha—u ngħaddu narawha?—qaltlu nofsha mħajra.

Is-sur Ġużè ċaqlaq rasu—la aħna haw'—u telgħu t-taraġ. Il-bieb kien imbexxaq, iżda sabuh meħmuż bl-istanga minn ġewwa.

—Il-ħaġar qadim tapizzolu—tenniet hi—mur ara x'fiha tara minn ġewwa!—

Id-dinja tfittex il-għata sabiħ bla ma tħares lejn il-qalba. Imxew it-tnejn għal wara l-knisja, u f'dak il-beraħ tfaċċat quddiem għajnejhom l-isbaħ wirja li tgħaxxaq il-għajnejn u tħenni l-qlub! Ħamri, bl-uċuħ iħaddru, siġar, twapet tas-silla jħammru, iddonnihom bellus imewweġ, ħbula ta' rbuna, kemm jimirħu għajnejk żara' jmewweġ donnu ħalel ta' l-ilma jirkbu fuq xulxin, jew tistħajjilhom star twil twil tal-ħarir maż-żiffa tar-rjieħ ileqq u jilma, sisdra wisgħin ta' blat lewn irmiedi telgħin il fuq, imsejsa fuq l-irdumi-

jiet donnhom iridu jżommu l-qilla tal-baħar ma tiblax l-art, bdiewa ġo l-egħlieqi u l-oqsma, kulħadd medhi fuq xogħlu: min jagħżaq, min jaħrat, min ibejjet, min ixettel, fl-isbaħ waqt tal-jum fit tħarrik tiegħu! Għana ta' l-agħsafar, l-imrieżaq fietla tas-sultana li taħji d-dinja bis-sħana u żżejjinha bi ġmielha, li ftit sigħat qabel, kont tista' taraha tixref mix-xefaq tax-xerq (1) jilmaw u jlewnu sħab u ħajbur imqatta' 'l hawn u 'l hinn kienu jhennu l-qlub! U fuq kollox il-ġmiel tat-tliet imrasi ħerġin minn ġox-xefaq tal-għarb (2), fi sqaqijiet għal ġo l-art, f'tifsila ta' ilsna:—"L-Ilsejjen, In-Nuffied u Ħalq-it-Tafal", b'wiliġhom imgħammar b'siġar sfiq u b'ħitanhom bil-bejtiet fejn ipożdi ċ-ċawl. Wirja li ssaħħrek bi ġmielha!

Imbilli... biskuttini f'ħalq il-ħmir!.. taw ħarsa fuq fuq, bla ma diequ l-benna ta' ġmiel in-natura fi ħsus qalbhom; l-ewwel ma daret hi, u hu bħal dellha mexa wrajha. Huma u neżlin mit-taraġ tal-knisja, l-ewwel ma semgħu bieb jinteħaq, ħarsu lejn fejn kien ġej il-ħoss u jaqa' taħt għajnejhom, wiċċ ferħan u ferrieħ: żewġ għajnejn daħkanin u x-xofftejn donnhom imrażżnin minn tbissima. Il-wiċċ huwa l-mera tal-qalb. Kien qassis, il-kappillan tar-raħal: f'idu l-waħda ktejjeb miksi b'ċarruta sewda u fl-oħra nitfa ta' bieqja b'xi ħaġa ġo fiha.

Is-sur Ġużè ħares lejh, ġabar xofftejh daqs ħolqa, bħalkieku stagħġeb b'xi ħaġa, telaqhom qajl qajl u fommu tbexxaq; għajnejh waqfu fuqu fil-ħin li l-fantasija, mill-arkivju tagħha, bdiet tbexxaqlu quddiem għajnejh il bixra ta' dak il-wiċċ li kien qiegħed imħasseb iħares lejh u ntebaħ li dak il-wiċċ ta' quddiemu mhu xejn ġdid, billi kien qiegħed jara fih imliemaħ ħajja ta' żmien ilu, ta' żmien tfulitu, l-impronta, biex ingħid hekk, tax-xbieha ta' dak il-wiċċ kienet għadha fl-immaġinattiva tas-sur Ġużè: u beda jgħid bejnu u bejn ruħu:—dan wiċċ Pinu ż-Żebbuġi; iva, hu: Ġużè: u beda jgħid bejnu u bejn ruħu: — dan wiċċ Pinu ż-Żebbuġi; iva, hu: hu, kollu kemm hu! Tenna tah ħarsa minn fuq s'isfel—u l-mixja wkoll tiegħu... u resqin lejh: b'għajta ta' ferħ ħaffu resqu lejh. Is-sur Ġużè ħares ċass ġewwa għajnejh, u.. qed nara tajjeb? —staqsieh bi tbissima u b'wiċċ imfawwar bil ferħ — tiftakarni Reverend? għaraftni?

(1) Lvant. (2) Punent.

Hawn il-kappillan għannqu, l-ieħor ħaddnu u ħadu b'id xulxin.

—Jien Pinu.... qallu l-kappillan meta għafaslu idu mill-ġdid u ressaqhielu ma' qalbu...

—Jien Ġużè Vassall; konna l-iskola flimkien... kemm ilna ma niltaqgħu, hux? Ħolma...

—Ilna fuq l-erbgħin sena!....

—U din is-sinjura?

—Marti.

Is-sinjura tbissmet, bla fehem u bla dehen, bħal tbissima mqarrsa—Fhimt kollox. Żewġt iħbieb qodma. Ħbieb ta' żmien iż-żogħrija ltaqgħu wara daż-żmien kollu—u b'ħarsa fliethom it-tnejn. Bħal ħemda ta' diqa ksitilha wiċċha meta għarfet minn fommhom, li għalkemm it-tnejn qrin xulxin b'danakollu l-kappillan għalkemm kellu xagħru iblaq iżda wiċċu kien lixx u donnu warda, imxarrab bid-demm, fuq tiegħu ħafif daqs għasfur u dritt qisu xema. Żewġha ħdejh kien jidher bil-bosta akbar minnu.

Leħnek ried ikun biex saħħaħli kull ħjiel u warrabli kull dgħul biex għaraftek; iż-żmien ma jistenna 'l ħadd, —qallu l-kappillan. Niftakar meta konna tfal flimkien u moħħ l-itfal, kellek xagħrek isfar sbul id-deheb u nnukklat...

—Iż-żmien jeqred kollox; ma ħallelix beżbuża waħda... U lanqas inti ma għadek li kont; għalkemm imxettel ġmielek. Tridx tinżel il-belt magħna? għandi l-karrozza.

—Qed tiċċajta! Issa idħlu araw il-gorboġ tiegħi. U wriehom b'idejh it-tnejn miftuħa d-dar; bħalkieku kellu Dejr Salamun.

Id-dar, fuq barra, kienet tħares lejn ġenb il-knisja, b'nitfa ta' bieb imqaxxar bis-sħana tax-xemx u ċ-ċavetta fit-toqba tas-serratura; żewġt itwieqi lil hinn mill-bieb, u tnejn oħra fuq. F'ħoġor dawn it-twieqi ta' fuq tara minsuba żewġt ikwies fommhom wiesa' bil-basal fil-ħall, tnejn f'kull tieqa, għal għajn ix-xemx.

—Inħossni miblugħ—qal is-sur Ġużè lill-qassis,—tabilħaqq inti l-kappillan ta' dan ir-raħal jew qed titħalaq?

Niftakar, xi erbgħin sena ilu, meta kont għadek daqsxejn ta' egħżejjeb, abbati, kellek moħħ ta' l-anġli; ħadd ma kien jilħaq miegħek, u la fil-grieg, la fil-latin u lanqas f'ebda lsien ieħor barrani!... Dehen bħal ma inti int, mhux ġenn tiġi tindifen ġewwa dan il-baħħ! Jien hawn nistħajlu mid-

fen; u mhux biex iqatta' ħajtu fih, wieħed bħalek, fost dawn il-bdiewa!

—Xogħol il-bdiewa tistgħall minnu Malta kif iddur— wieġeb il-kappillan bi tbissima fuq xofftejh—Tabilħaqq li Alla hu li jkabbar; iżda l-bżulija tagħhom trid tkun biex aħna nitgħajxu bl-egħlejjel li jrodd ir-raba', frott tal-ħidma ta' idejhom: huma jkissru l-art, jagħżqu, jaħartu, idemmlu, ixattbu, jiżirgħu u jsaqqu, jnaqqu u jistennew bis-sabar żmien il-ħsad u d-dris... uh... kemm jagħtuna l-bdiewa mibnijin b'saffejn jifilħu daqs imramma huma u wliedhom! Kemm tbatija fih it-tagħam sakemm dawn il-beżlin iwassluh għad-dħin!

Hekk igħadduha ħajjithom dawn in-nies imseddqin dejjem b'mitt ġid fir-ruħ u fil-ġisem. Hija għal qalbi wisq li ngħix fost dawn in-nies, fl-aħħar imkejjen, imbiegħed millħsejjes! Idħlu ndawwarkom il-palazz tiegħi; imxi għażiż... għaddi sinjura....

Il-kmajra ta' barra kienet imgħammra b'mejda ta' l-abjad u gandlier tal-foħħar f'nofsha; erba' siġġijiet bħal tal-knisja bis-sogħda fil-maqgħad, farxa tal-ħobż u xejn iżjed: mallemin bwejba għall-bitħa; din kont tara tħaddar fiha lumija ta' kull qamar, u żewġt iħwat kbar kbar, wieħed imfawwar bil-merqtux nagħnigħ u riegnu; l-ieħor ħabqa kbira qisha umbrella tfewwaħ il-bitħa kollha u ħarġa tursin fl-art; malħajt, f'ġenb wieħed, ħerża ta' bir bit-taljola u s-satal ta' l-injam imdendel b'sensiela tal-ħadid; ma' ġenbu ħawt daqs il-ħerża bil-fejġel. Mal-ġenb l-ieħor, ras ta' taraġ li jieħdok fuq setaħ b'bieb għal għorfa kbira, fuq il-bini tal-kmamar t'isfel. Minn ġewwa l-bitħa daħħalhom f'kamra oħra isfel minn fetħa bini b'żewġt ibwieb żgħar taż-żġieġ fuq barra u tnejn oħra jinfetħu għal fuq ġewwa. Din kienet il-għorfa tiegħu tar-rqad, studju u kamra ta' l-ikel; imgħammra b'sitt siġġijiet, mejda f'ġenb u oħra biswitha sewwa: dik kellha fuqha, mibni ġo l-imramma armarju bi ftit kwies, erba' sjetti, ġrajra, xi żewġ tazzi, skutella u xi erba' xarbitelli oħra; u fuq ilmejda l-oħra kellu serbut kotba u l-ħtieġa kollha għall-kitba; gredenza kbira sewwa f'ġenb u sodda f'rokna; is sodda mwaqqfa b'żewġ strippi ta' l-injam bi tliet twavel, saqqu, lożor, żewġ imħaded u kutra mifruxa fuq kollox. Marqad ta' ħaddiem fqir, iżda kulma tara nadif donnu xummiema. F'nofs il-ħajt ta' quddiem is-sodda, kont tara mden-

del Kristu Msallab kbir bi nkwatru taħtu bi xbicha tad-Duluri.

Dun Flipp, newlilhom żewġ siġġijiet u huwa ressaq ħdejhom dak ta' ma' ġenb is-sodda wara li battal ix-xarbitelli ta' fuqu.

Is-sur Ġużè ħares minn taħt lejn martu u redgħu minn għajnejn xulxin ħsibijiethom kif kienu hemm ġo dik il-għorfa fqajra; għamel ftit tal-ħila u bi tbissima aktarx imqarrsa fuq xofftejh qal lil Dun Flipp:—Kappillan, milli jidher aktarx tixbah lil Lazzru tal-parabbla...

—Kull ftit hu wisq għalija; ngħaddi fil-wisa' billi għandi; il-benefizzju li tani missieri nġaħġaħ bih. Mill-ġbir inżomm il-ħtieġa għall-knisja u li jifdal għall-fqar tar-raħal... Isma', sur Ġużè, aħna sirna qassisin għal dan, mhux hekk? Din hi t-triq li twassalni għall-ġenna wara mewti. Min jagħmel l-aġar ma jinħeliex, igħid il-qawl. Hawn jiena waħdi, norqod hieni u nqum ferħan.

—Ma nistax nemmen kif inti hieni! Jisgħob bini... qed inħoss għalik!

—Tabilħaqq?... Tieqaf qatt fuq li tara ma' l-ewwel feġġa. Mhux dak li fil-għajn jidher imqit huwa tabilħaqq hekk. Meta iżda tiftlih sewwa, issibu l-maqlub... ejjew araw x'jidhrilkom mill-ġnejna—u ħarġu t-tlieta, għaddew mill-bitħa, u 'l hinn mill-bir fetħilhom rixtellu tal-ħadid u daħlu f'beraħ. —Tħossux il-ħajja f'din ir-riħa ħiemda tal-ħommejr imħallta ma' l-ilħna ta' l-agħsafar u l-fwieħa u ż-żiffa tal-widien tielgħa minn ġox-xmiel, 'l hinn minn dawn l-egħlieqi kollha jħammru, minn hemm jonfoħ il-lum ir-riħ. Hawn għandi piżelli, fażola, bżar, brinġiel, ġidra, ħass.. hemm fuq roqgħa patata tal-bikri... fuq ir-riħ tagħhom, mixtla pastard u oħra kaboċċi... hawn għandi mitt ġid u barka! U xi tgħidu għall-għasel u għad-dwieli?... Tafux li mit-tagħsir tal-għeneb minn dawn iż-żewġ dwieli biss għandi biex inqaddes għas-sena kollha?... Alla jsebbaħ u Alla jibgħat. Qabel titilqu ħudu magħkom flixkun għasel minn tan-naħal tiegħi; duwa tal-madalena! u xi ftit bajd ukoll minn taħt it-tiġieġ.

Ġo rokna tal-ġnien kien hemm maqjel fejn irabbi t-tiġieġ, b'taraġ mikxuf għal fuqu: uriehom it-tiġieġ...

Ejjew, ejjew araw —u tellagħhom mit-taraġ ta' din il-għorfa kbira. Is-sinjura u s-sur Ġużè imxew urajh wiċċhom daħkan, għall-ħlewwa u l-imġiba tajba tiegħu.

—Tistgħu qatt ġewwa l-belt titfarrġu u tixorbu l-arja safja u utiqa minn wirja bħal din, fuq il-bjut tal-palazz tagħkom?! Mhux kwadru dan li jisboq l-inkwatri tas-salun tagħkom? X'jiena ngħid! jitfi u jisboq ukoll lil dawk tal-Vatikan u ta' Farawni... dan il-ġmiel ta' taħt għajnejna!— B'dik il-kelma tiegħu ħelwa, ħalqu mgħammar bi snienu kollha bojod bħas-silġ, u la darsa u lanqas nejba nieqsa; jitkellem dejjem bid-daħka f'fommu u għajnejh jibru bħal ġawhra mfawrin bil-hena, b'xhud tan-natura li kollox ħiereġ minn qalbu.

Is-sur Ġużè siket; ma satax imieri dak li kien iħoss f'qalbu. —Iva... ma ngħidx lè... iżda, kappillan... min jaf, kemm tkidd qalbek taħdem u titmasħan ma' dawn il-ħafna nies tar-raħal! Kemm tbatijiet biex tmur, l-iżjed fil-qieragħ tax-xtiewi, tqarar lill-bdiewa morda illi jkunu waslu biex iwillu! Naħseb li hawn ukoll jimirdu u jmutu bħan-nies ta' l-ibliet?

—Jimirdu wisq ftit li xejn, u meta taslilhom, imutu wkoll b'mard-il-kobor; iżda kemm igħixu iżjed min-nies ta' l-ibliet! Min ħa l-ħajja jieħu l-mewt; kulħadd għandu jmut u jmur jaħsad dak li jkun żara'! Ma għandniex xi ngħidu, huwa madmad li tilħaq dmirek, iżda kemm jinħass ħafif dal-madmad, meta terfgħu bil-qalb u għall-ġid. Barra minn dan, imsejknin kemm nara mħabba u qima minnhom kollha! kemm jibqgħu jafuhulek il-ftit tal-ġid li tkun għamilt magħhom!

Wara li nqaddes u ngħid l-uffizzju, noħroġ inżur lil xi għakka jew għaġuż li ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom b'mard il-kobor; inqararhom u nfarraġhom bl-Għodda Mqaddsa, nitra' xi kelma jew fehma ta' ġid meta ndur lura hawn f'din id-dwejra tiegħi; u ma' dan nixrob l-arja safja miż-ziffa ħelwa tal-ġonna u tal-beraħ; niftaqad ir-raba' bl-egħlejjel jew tas-silla donnha twapet tal-bellus aħmar jew xi għalla oħra, skond l-iżmna; malli nasal, irrodd il-borma kif naf, tfuħ iżjed minn tal-ġâra u ngħidhielkom kif inħossha, nistħajjilni sultan!... u x're re! bil-wisq u bil-bosta aqwa minn re u bil-wisq iżjed hieni! Akbar ma int, akbar hemmek.

Meta nhejji u ntemm xi żewġ faċendiet, nintafa' l-biċċa l-kbira daqs nofs siegħa nithenna ġol-ġnien bil-ward bellusi u lelluxi, bis-simetrija fit-tnaqqix, fit-tifsila, fil-lwien, fin-newba

ta' ftuħu; nitfarraġ bil-friefet li jtiru ħfief minn fuq warda għal oħra u biż-żifna ta' ġwenħajhom meta jkunu mistrieħa fuq il-weraq tal-warda jixorbu minn fommha l-benna ta' ħlewwitha li f'waqt wieħed idakkruha fi lwienha; u nferraħ qalbi bil-geġwiġija ta' frieħ in-naħal, narah jerdgħa l-għasel minn din u minn dik il-warda! Minn xi waqtiet nitlef għaqli fuqhom dawn il-frieħ tan-naħal, meta narahom jibnu x-xehdiet tagħhom.

—Iżda Dun Flipp, f'din il-ħajja, hawn fuq, waħdek, ma tiġikx ix-xewqa li tara d-dinja, kemm bliet li jsaħħru bi ġmielhom, kemm imfakar ta' nies għorrief li ħallew isimhom kbir wara mewthom! Jiena nafek tifel, kont tissaħħar wara t-tinqix; u kellek ukoll f'din is-sengħa l-ħajra u x-xeħta.

—Kont u għadni nissaħħar lejha l-arti ta' l-iskultura; iżda biżżejjed għalija nitgħaxxaq biha fuq il-kotba; u nistagħġeb u ngħid f'qalbi, illi dik l-id li għamlitha, tagħraf kollox minn idejn Dak li idejh jafu jroddu ward fuq dik l-art fejn il-għolliq ikun għatta! In-natura, Sur Ġużè tagħtik il-ħajja u terfagħlek ħsiebek fl-Imgħallem tagħha. Jiena, ngħid għalija, ma nibdilx ma' saltna werqa ħaxixa tfuħ, għaliex fiha, meta nħares lejha nħoss il-polz ta' qalbi jħabbat bil-ħajja ta' Min tahieli; lanqas ma' warda, li meta naraha titbexxaq, nistħajjilha tbissima ta' Alla! Lanqas ma' l-egħlejjel tas-siġar tal-frott irqiq, ngħidu aħna: lanġas, tin, ħawħ, berquq.... dawn huma egħġubijiet! Dawn jista' jistgħallhom biss dak, li jaf jara bi ħsusu ta' bniedem li hu; għax dawn il-ħlejqiet ħarġu minn idejn Alla! Huma tabilħaqq egħġubijiet; iżda billi narawhom taħt għajnejna kuljum, ma neqfux bi ħsibijietna fuqhom, iżda nħalluhom għaddejjin minn għalina bħal ħin li għaddej; għaliex id-dinja tgerr dan il-waqt ta' ħsieb! Iżda f'dan il-waqt ta' ħsieb! Iżda f'dan il-beraħ, kull fejn iddawwar wiċċek ma jgħajjatx ħlief ġmiel; u jkollok tieqaf fuq ħsiebek, fuq il-ħolqien; u qalbek trid titla' 'l fuq u tħossha tħabbat iżjed bil-għaġla bil-ferħ, bil-hena!

—Ma nistax immerik kappillan; għax daqshekk hu s-sewwa għarax, iżda jinxi quddiem.

—Is-sewwa ħabib Alla—wieġbu l-kappillan.

—Iżda l-mużika hija l-għana ta' l-anġli! Għal fil-għaxijiet ma tiġikx ix-xewqa tisma' ftit mużika? Ma ngħidlikx tijatru... għax għall-qassisin it-tijatru... iżda xi strumenti tal-kordi?—

—Ma naħsibx li l-mużika tat-tjatru hi isbaħ mill-għana

ta' l-użinjol, tal-kalandra, tal-ġojjin, ta' l-apparell, ta' l-ekra, tal-virdun, tal-marell, ta' l-urtolan, tad-durrajsa, ta' l-isturnell u ta' tajr ieħor li jsaħħar qalb il-bniedem. Ebda mużika ma tisboq fi ħlewwitha l-għana li jaf jfesdaq urtolan f'sakra ta' ferħ !

Hawn fuq l-art ta' dil-ġawhra Malta tagħna orkestra, li tisboq liż-żiffa fietla fir-rebbiegħa, meta l-art tkun imfawra b'kull ġmiel, daqs u lewn ta' ward u ħxejjex? u bis siġar b'wiċċ daħkan u ħlejju, jitgħammru bi lbies ġdid fuq it-twapet tal-ħamri ? Il-lejl huwa u riesaq, jitbissimli... hawn f'din il-ħajja siekta... bla ħsejjes żienja u bla sefsif fieragħ tal-għagħa ta' l-ibliet;dak il-ħin meta l-art titkebbeb ġewwa mantar iswed twil twil, malli l-imrieżaq tax-xemx jaħtfu d-dalma tal-lejl. Taqa' taħt għajnejja, dak il-ħin, f'dan il-baħħ, bgħid mill ibliet, firxa kbira dawwaramejt sewda, mraxxa b'ħajta dawl li minn dak il-għoli jarmu l-kwiekeb qishom antaċċjoli jpetptu, jibbru u jidħku, kollox fis-sikta, donnhom ward miżrugħ fil-ġnien kbir bla turfien li l-Ħallieq firex il fuq, il fuq, minn rasi, li jimlieni bil-għaġeb u jqanqalni biex inħares lejh, f'lehma ta' ħsibijiet safjin li jinżlu ħelu-ħelu ġewwa qalbi !

Tridx tgħidli sur Ġużè, sinjura, ġo l-ibliet min jinduna biss li jinsab dan il ġmiel kollu, hemm f'dak il-għoli f'din il-ħemda ? --

Is-sur Ġużè ma għarafx iwieġeb, għax il-kappillan nissillu f'moħħu għarma ta' ħsibijiet ġodda... li qatt bħalhom ma kien ħass: ried kieku jgħid xi ħaġa, iżda donnu lsienu ntrabat. Did-darba s-Sa Margerit, biex bħalkieku tgħin palata lil żewġha, billi ratu sieket, wieġbet hi: għax kos kienu t-tnejn ta' fehma waħda: Alla jxebbaħ qabel ma jlaqqa', igħid il-qawl malti.

—Iżda din il-poeżija Sur kappillan, m'intix sejjer tifrixha quddiem dawn in-nies għafsin għax jgħadduk... ta' raġel moħħu ħafif, skużi taf Sur Kappillan, naħseb hekk, għax naf x'isarrfu dawn in-nies tar-raħal !

—Sinjura l-bidwi jaf iħoss daqs il-poeta; iżda trid id-darrih, tħarrġu u tgħallmu, bi kliem ħafif li jista' jilħqu b'dehnu, u hekk ikun jista' jieqaf fuq il-ħsieb u jixtarr fuq dak li tkun għallimtu, bla tlellix u bi kliem li jiftiehem; u l-kelma ma tridx taraha bi tqila ttennihielu mqar mitt darba u iżjed. Trid ukoll 'l hawn u 'l hinn, terġa' tfakkru biex ix-

xrar ta' qalbu ma jintefhiex. Fuq kollox. "Il-kelma tqanqal; iżda t-turija bl-eżempju tkarkar!"

—Iva—qatagħlu kliemu s-Sur Ġużè, billi ħass ruħu inqaras fil-laħam il-ħaj—iżda inti, hawn, waħdek, għandek tħoss ruħek bħal ruħ-zota; u minsi minn kulħadd!

—Jiena waħdi, minsi? Kemm sejjer imqarraq bi ħsiebek fuqi, Sur Ġużè. In-nies tar-raħal kollha wliedi fi Kristu; u nħobbhom u huma jħobbuni. Inħobbhom għax għandi d-dmir għal darbtejn li nħobbhom; inħobbhom għax hekk jamar Alla, imqar kienu egħdewwa, aħseb u ara! Inħobbhom, u ma hawnx wieħed fir-raħal kollu li ma nagħmilx kulma nista' għalih biex ingħallmu u nliżżmu fit-tjieba. Dan hu biżżejjed għalija biex infawwar qalbi bil-hena.

Dawn huma wliedi li nista' nara b'dawn il-għajnejn li bihom qiegħed inħares lejk; barra dan, għandi fis-sema: Missier tiegħi u tagħkom; 'l Alla; Għandi 'l Ġesù, ħija u ħukom, u l-Mara tal Qalb minfuda, Omm Alla, ommi u omm tagħkom li fi żmien qasir immur ħdejhom kif nittama. Għax din il-ħajja hija qasira wisq u hawn mhux qgħadna. Qiegħed tara, Sur Ġużè xi ġlajka ta' ħbieb għandi bl-ixirka magħha, hawn fuq!

—Mela tinsab hieni—qallu s-Sur Ġużè bħal miksur.

—Għax m'għandix, inkun?... hieni bil-bosta! Qalbi mfawra bil-hena! Inħossni hekk hieni li ma nixtieq xejn! Ma rridx naħseb li dejjaqtkom hux? Kelma ġġib 'l oħra. Ħalli issa ndewwaqkom l-inbid tad-dwieli tiegħi. L-inbid bil-qies, jagħmel il-ġid; għax barra milli jsaħħan u jsaħħaħ l-istonku, iferraħ ukoll il-qalb.

Xorbu, daħku u bierku s-siegħa li ltaqgħu wara erbgħin sena. Raddulu l-ħajr, il-kappillan newlilhom tużżana bajd u l-kus tal-għasel, u wara li berikom sellmu u telqu. Rikbu l-karrozza. Il-kuċċier ukoll xarrab griżmejh bl-inbid tal-kappillan.

Is-Sur Ġużè kif kien mixgħul fil-fantasija fuq li sama' mill-kappillan, kif ħarġu mir-raħal u waslu ħdejn tal-Kmand dar lejn Margerita u qallha:

—X'jidhirlek minn Dun Flipp?

—Ġuż, jidhirli li hu huwa s-sinjur u aħna l-imsejkna fqajrin!

R. M. B.